# L-Istħarriġ dwar il-Ħiliet ta’ Malta 2022: Ħarsa Ħafifa Lejn ir-Riżultati

NR 079/2024 Data tal-Ħruġ: 3 ta’ Mejju 2024

*L-iżjed ħiliet komuni fost il-popolazzjoni kellhom x’jaqsmu mal-Komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, u l-Kompjuting.*




L-Istħarriġ dwar il-Ħiliet ta’ Malta li sar fl-aħħar kwart tal-2022 kien l-ewwel stħarriġ li sar fuq livell nazzjonali bil-ħsieb li jipproduċi profil tal-ħiliet tan-nies li joqogħdu Malta.

Il-firxa wiegħsa ta’ oqsma li kienu mdaħħla f’dan l-istħarriġ tat stampa ġenerali tal-ħiliet li għandha l-popolazzjoni mistħarrġa. Hawnhekk, ir-rispondenti ntalbu jsemmu ħiliet li huma jqisu li huma tajbin għalihom u li huma dehrilhom li jistgħu jintużaw għal skopijiet ta’ xogħol. Inġabar ukoll tagħrif dwar l-għarfien tal-lingwi kif ukoll il-liċenzji li għandhom in-nies.

Din l-istqarrija tal-aħbarijiet qiegħda tagħti r-riżultati ewlenin tal-Istħarriġ dwar il-Ħiliet ta’ Malta. Pubblikazzjoni f’aktar dettall hija mistennija toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin.

**Il-kategoriji wesgħin tal-ħiliet maqsumin bil-karatteristiċi demografiċi**

Tabella nru 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi demografiċi tal-persuni li għandhom ħiliet differenti. Tmien kategoriji ta’ ħiliet huma identifikati u għal kull kategorija ngħata profil demografiku.

L-aktar kategoriji komuni ta’ ħiliet fil-popolazzjoni mistħarrġa kienu l-Kompjuter u ħiliet relatati, u l-Komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni u ħiliet relatati. Kull waħda minn dawn il-kategoriji wesgħin kisbet kważi 20 fil-mija tal-għadd kollu tal-ħiliet.

L-irġiel kellhom sehem akbar ta’ ħiliet relatati mal-Kostruzzjoni, l-Agrikoltura u s-Sajd, u l-Għodod u l-makkinarju. In-nisa, min-naħa l-oħra, kienu aktar kotrana fil-kategoriji tal-Assistenza u l-kura, il-Kompjuter, u l-Komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni.

Dehru wkoll xejriet differenti skont l-età, b’dawk iżgħar fiż-żmien ikollhom aktar għarfien fil-ħiliet tal-Kompjuter, u l-Komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni. Fost l-etajiet il-kbar il-ħiliet assoċjati mal-Assistenza u l-kura, u l-Komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni kienu aktar prevalenti.

Ir-riżultati tal-istħarriġ juru li l-livelli tal-edukazzjoni kellhom x’jaqsmu ħafna mat-tip ta’ ħila. Hawnhekk, persuni b’livell ta’ edukazzjoni sekondarju jew inqas fil-biċċa l-kbira kellhom kapaċitajiet relatati mal-Assistenza u l-kura. Dawk b’livell ta’ edukazzjoni postsekondarju jew aktar kienu aktar mixħutin fuq il-Kompjuter, u l-Komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni.

## Ċart nru 1. It-taqsim tal-kategoriji wesgħin tal-ħiliet bis-sess

bħala persentaġġ tal-Popolazzjoni




**Il-ħiliet ewlenin**

Tabella nru 3 ssemmi l-10 ħiliet l-aktar komuni fil-popolazzjoni. L-għarfien bażiku tal-kompjuter ħareġ bħala l-aktar ħila komuni, b’aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni jsemmuh fit-tweġibiet tagħhom. Dan kien segwit minn żewġ ħiliet interpersonali, jiġifieri s-superviżjoni ta’ tim jew grupp u l-għajnuna lill-pubbliku u lill-klijenti.

Fl-isfera artistika u kreattiva, l-aktar li spikkaw kienu l-ħiliet tat-tisjir, bi tnejn minn kull 10 persuni (Tabella nru 4). It-tibjid kien l-aktar ħila komuni fi ħdan il-kategorija tal-Kostruzzjoni u ħiliet relatati. Din il-ħila partikulari kienet ukoll pjuttost popolari fost is-sess femminili tal-popolazzjoni.

Ħila oħra li ssemmiet kienet l-Immaniġġjar tal-bhejjem li nstabet bħala l-aktar ħila prevalenti fi ħdan l-Agrikoltura, is-Sajd u ħiliet relatati, b’wieħed minn kull 10 persuni. Iż-żgħażagħ (15-24 sena) u dawk b’livell ta’ edukazzjoni sekondarju jew inqas kellhom aktar probabbiltà li jkollhom din il-ħila meta mqabblin ma’ gruppi demografiċi oħra.

Fil-kategorija wiesgħa ta’ Għodod, makkinarju u ħiliet relatati, il-ħila assoċjata mat-tħaddim tal-makkinarju għall-manifattura ta’ prodotti kienet l-aktar komuni. Il-grupp tal-età bejn l-45 u l-64 sena, in-nisa, u persuni b’livell edukattiv sekondarju jew inqas ħarġu bħala aktar probabbli li jkollhom din il-ħila meta mqabblin ma’ gruppi demografiċi oħra.

Fl-Assistenza, l-kura u ħiliet relatati, l-aktar ħila komuni kienet l-għajnuna lill-pubbliku u l-klijenti, li ssemmiet minn kważi nofs il-popolazzjoni.

Il-ħiliet ta’ superviżjoni kienu dawk l-aktar imsemmijin mill-kategoriji tal-Komunikazzjoni, u l-kollaborazzjoni u ħiliet relatati. Tliet kwarti tan-nies li kellhom din il-ħila kienu laħqu livell terzjarju ta’ edukazzjoni.

Kważi terz ta’ dawk fil-kategorija tal-Informazzjoni u l-ħiliet relatati semmew il-ġbir ta’ informazzjoni minn sorsi fiżiċi jew elettroniċi bħala ħila tagħhom, u d-data turi l-firxa ta’ din il-ħila fi kważi ħamsa minn kull 10 persuni b’livell ta’ edukazzjoni terzjarja.

Dwar il-ħiliet bażiċi tal-kompjuter, minbarra li huma l-aktar ħiliet komuni fi ħdan il-kategorija tal-Kompjuter u ħiliet relatati, il-ħiliet elementari fl-użu tal-kompjuter kienu meqjusin li jifformaw l-aktar ħiliet komuni b’mod ġenerali.

**Il-ħiliet fil-lingwi**

L-Istħarriġ dwar il-Ħiliet ta’ Malta ġabar fih tagħrif dwar l-ilsna mifhumin mill-popolazzjoni mistħarrġa. Aktar minn 30 lingwa differenti kienu msemmijin mir-rispondenti, li jirriflettu d-diversi nazzjonalitajiet residenti fil-pajjiż. It-Tabella nru 5 tagħti profil soċjo-demografiku tan-nies għall-10 lingwi l-aktar mifhumin fil-pajjiż. Kif mistenni, l-aktar lingwi mifhumin f’Malta kienu l-Ingliż (96.0 fil-mija), il-Malti (90.4 fil-mija) u t-Taljan (62.0 fil-mija). B’medja ta’ 35 fil-mija u 96.6 fil-mija, iċ-ċittadini mhux Maltin kellhom mill-inqas għarfien bażiku tal-ilsien Malti jew Ingliż, rispettivament.

Id-distrett tat-Tramuntana tal-Port u d-distrett tat-Tramuntana rreġistraw l-inqas ammont ta’ nies li għandhom xi għarfien tal-ilsien Malti. Kważi n-nies kollha (99.8 fil-mija) b’edukazzjoni terzjarja jafu bl-Ingliż, filwaqt li l-għarfien tal-Malti fost l-istess grupp kien ta’ 85.0 fil-mija. Kważi disgħa minn kull 10 persuni li jaħdmu jifhmu l-Malti.

Ħarsa lejn l-għadd ta’ lingwi skont il-grupp tal-età turi li n-nies bejn il-25 u l-44 sena kienu dawk li kellhom għarfien tal-akbar għadd ta’ lingwi (tliet lingwi jew aktar – 74.3 fil-mija) (Ċart nru 2). In-nisa kellhom il-probabbiltà li jkunu iktar jafu l-lingwi meta mqabblin mal-irġiel. Kważi tlieta minn kull erba’ persuni b’ċittadinanza Maltija jafu mill-inqas tliet ilsna differenti (Ċart nru 3).

It-tagħlim tal-lingwi varja fost dawk li jaħdmu f’kull firxa ta’ impjiegi (Tabella nru 6). Madankollu, l-ogħla livelli ta’ tagħlim kienu rreġistrati għall-Ingliż, il-Malti u t-Taljan.

## Ċart nru 2. In-numru ta’ lingwi maqsum bis-sess u l-grupp tal-età

Irġiel (M), Nisa (F) u Total (T)




## Ċart nru 3. In-numru ta’ lingwi maqsum biċ-ċittadinanza




**Detenturi tal-liċenzji**

L-Istħarriġ dwar il-Ħiliet ta’ Malta fittex li jsaħħaħ is-sejbiet tiegħu dwar il-ħiliet billi jiġbor tagħrif dwar il-liċenzji. L-istħarriġ qies firxa wiesgħa ta’ liċenzji, fosthom il-liċenzji tas-Sewqan, tat-Tbaħħir, tal-Kummerċ u tal-Elettriku. L-aktar tip ta’ liċenzja komuni f’Malta hija dik tas-Sewqan li r-riżultati juru li kienet miżmuma minn madwar 82 fil-mija tal-popolazzjoni kollha ta’ bejn il-15 u l-64 sena fiż-żmien tal-istħarriġ (Tabella nru 7). L-ishma perċentwali fuq il-bażi taċ-ċittadinanza kienu ta’ 83.4 fil-mija għaċ-ċittadini Maltin, 87 fil-mija għaċ-ċittadini l-oħra tal-UE (barra l-Maltin), u 63.8 fil-mija għaċ-ċittadini mhux tal-UE. Il-liċenzja tal-baħar kienet l-aktar komuni wara l-liċenzja tas-sewqan, u kienet miżmuma minn tmienja fil-mija tal-popolazzjoni ta’ bejn il-15 u l-64 sena. Warajhom, kien hemm id- Detenturi tal-liċenzja ta’ l-Armi tan-Nar u dik ta’ Gwardjani Privati.

It-tipi kollha ta’ liċenzji kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom miżmumin minn individwi ta’ minn 25 sena ’l fuq. Aktar minn 20 fil-mija tan-nisa u terz taċ-ċittadini mhux tal-UE ma kellhom l-ebda tip ta’ liċenzja.

Ħarsa lejn il-firxa tal-liċenzji skont il-pożizzjoni ġeografika turi li l-ogħla persentaġġ ta’ liċenzji fost il-popolazzjoni jinsab fid-distrett ta’ Għawdex u Kemmuna. Hawnhekk, 89.6 fil-mija tar-residenti t’Għawdex kienu stmati li għandhom xi tip ta’ liċenzja. L-istess distrett ħareġ bl-akbar rata ta’ liċenzji tal-Armi tan-nar u bl-akbar proporzjon ta’ liċenzji tal-Baħar.

Ħarsa lejn il-firxa ta’ liċenzji fost in-nies li jaħdmu turi li l-liċenzja tas-sewqan kienet l-aktar waħda mifruxa, b’persentaġġi ta’ 90 fil-mija jew aktar fi kważi l-gruppi kollha tax-xogħlijiet (Tabella nru 8).